MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 295/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited**

**vs**

**Christino Attard u George Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tlieta u tmenin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm783.21) rapprezentanti l-hlasijiet effettwati mis-socjeta` attrici ai termini ta' l-Att Dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet "John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza**

**tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Stephen Barbara u l-istess Stephen Barbara vs George Pace" (Avv. Nru.220/03/EG - deciza 17 ta' Ottubru 2003), li kienu jirrigwardaw l-incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Lulju 2002, gewwa Triq ta' Farsina, Qormi bejn il-vettura misjuqa minn George Pace u assikurata f'isem Christino Attard, bin-numru ta' registrazzjoni BAC-217 u l-vettura propjeta` ta' l-imsemmi Stephen Barbara bin-numru ta' registrazzjoni CBG-829, u dan wara illi l-konvenuti naqsu milli jinformaw lis-socjeta` attrici dwar il-proceduri gudizzjarji msemmija, bhal ma kienu obbligati illi jaghmlu ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva.**
**Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fil-5 ta' April, 2004, fejn intqal illi:**
**Is-socjeta' konvenuta tichad kull responsabbilta` ghall-incident in kwistjoni u ghal kwalunkwe danni li allegatament setghet sofriet Cecilia Falzon fuq il-vettura taghha u dan stante illi ebda negligenza ma tista tigi attribwita lis-socjeta' konvenuta fil-manteniment u operazzjoni tas-"security barrier", kawza ta' l-allegat incident anzi l-istess socjeta' konvenuta accertat ruhha li fiz-zmien in kwistjoni s-"security barrier" inzamm fi stat ta' manteniment xieraq u adegwat.**

**Semgha x-xhieda ta' Henry Grech, Mario Cumbo, PS 513 Anthony Gerada, Cecilia Falzon, Reginald Tellus, Anthony Tellus. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ai termini ta' l-Att Dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet "John Lentini**

**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Stephen Barbara u l-istess Stephen Barbara vs George Pace" (Avv. Nru.220/03/EG - deciza 17 ta' Ottubru 2003). Kopja ta' din is-sentenza tinsab esebita bhala Dok AS 5.**

**2. Jirrizulta illi l-assigurat kien Christino Attard, tant illi l-polza ta' assikurazzjoni hi maghmula mieghu. Ghandu jinghad ukoll li din il-polza kienet tkopri "any driver". Fil-fatt fi zmien ta' l-incident kien George Pace li kien qed juza l-vettura assikurata mas-socjeta' attrici.**

**3. Jirrizulta illi wara l-incident sija Pace u Attard kienu marru ghand is-socjeta' attrici biex jimlew il-claim form u Pace kien hallas hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00). Pace jghid li hu ma riedx jammetti t-tort ghalkemm l-assikurazzjoni kienet qaltlu li tort tieghu. Skond Pace hu qatt ma rcieva ittri minghand l-assikurazzjoni.**

**4. Fir-rigward it-Tribunal jirrileva illi d-Dok GP 3 datat 3 ta' Dicembru, 2002 kienet intbaghtet lil George Pace fl-indirizz tieghu.**

**5. Fil-fatt jirrizulta skond ma xehed Anthony Savona illi s-socjeta' attrici hallset id-danni a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**6. Mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi fic-cirkostanzi illi kien George Pace biss li kien jaf bil-proceduri gudizzjarji ntentati kontrih u fuq riferiti, pero' Christino Attard kellu r-responsabbilta' tieghu wkoll skond il-polza ta' assigurazzjoni. Konsegwentement iz-zewg konvenuti ghandhom jirrispondu ghal hlas tal-flus imhallsa mis-socjeta' assigurattrici attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u qed jikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija tlieta u tmenin lira u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm783.21). Bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' April, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------